REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1245/2007

ta' l-24 ta' Ottubru 2007

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005, fir-rigward ta' l-użu tal-likwidu *pepsin* għall-iskoperta tat-*Trichinella* fil-laħam

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(9) u (10) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistipula regoli ta' iġjene speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam [2] jipprevedi għal metodi ta' skoperta tat-*Trichinella* f'kampjuni ta' karkassi. Il-metodu ta' referenza stipulat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament jitlob li għall-iskoperta tal-larva *Trichinella* f'kampjuni tal-laħam, għandhom jiżdiedu 10 ± 0,2 g ta' *pepsin* mal-kampjun.

(2) Ġew ippubblikati rapporti [3] li jindikaw li t-trab tal-*pepsin* jista' joħloq reazzjonijiet allerġiċi f'ċerti individwi suxxettibbli.

(3) Investigazzjonijiet imwettqa mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju għall-Parassiti indikaw li s-sensittività tal-metodu ta' referenza għall-iskoperta għat-*Trichinella* ma tinbidilx meta l-likwidu *pepsin* jintuża skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur minflok it-trab tal-*pepsin*. Alternattiva tali għandha għalhekk tingħata kemm għall-metodu ta' referenza kif ukoll għall-metodu ekwivalenti ta' l-iskoperta tat-*Trichinella* fil-laħam.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri mogħtija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-Kapitolu I qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt 1(p) jinbidel b'dan li ġej:

"(p) *Pepsin*, saħħa: 1: 10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondu għal 1: 12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (Fédération internationale de pharmacie), jew likwidu *pepsin* stabilizzat b'minimu ta' 660 unitajiet/ml tal-Farmakopea Ewropej"

(b) Il-punt 3.I (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) 10 ± 0,2 g ta' *pepsin* jew 30 ± 0,5 ml ta' likwidu *pepsin* huwa miżjud."

(2) Il-Kapitolu II jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt A. 1. (q) jinbidel b'dan li ġej:

"(q) *Pepsin*, saħħa: 1: 10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondu għal 1: 12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (Fédération internationale de pharmacie), jew likwidu *pepsin* stabbilizzat b'minimu ta' 660 unitajiet/ml tal-Farmakopea Ewropej",

(b) Il-punt A. 3. II. (a) (v) jinbidel b'dan li ġej:

"(v) Fl-aħħarnett, 6 g ta' *pepsin* jew 18 ml ta' likwidu *pepsin* huwa miżjud. Din l-ordni trid tinżamm sabiex tkun evitata d-dekompożizzjoni tal-*pepsin*."

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU L 338, 22.12.2005, p. 60. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1665/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 46).

[3] J Investig Allergol Clin Immunol (2006) 16, 136-137.

(ċ) Il-punt Ċ. 3. I. (h) jinbidel b'dan li ġej:

"(h) Fl-aħħarnett, żid 7 g ta' *pepsin* jew 21 ml ta' likwidu *pepsin*. Din l-ordni trid tinżamm sabiex tkun evitata d-dekompożizzjoni tal-*pepsin*."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni